32006R0888

L 165/6 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA* 17.6.2006

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 888/2006

tas-16 ta' Ġunju 2006

dwar il-klassifikazzjoni ta' ċerti oġġetti fin-Nomenklatura Magħquda

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana[1], u b'mod partikulari l-Artikolu 9(1)(a) tiegħu,

Billi:

(1) Sabiex tiġi żgurata applikazzjoni uniformi tan-Nomenklatura Magħquda annessa mar-Regolament (KEE) Nru 2658/87, jeħtieġ li jiġu adottati miżuri dwar il-klassifikazzjoni tal-oġġetti msemmija fl-Anness għal dan ir-Regolament.

(2) Ir-Regolament (KEE) Nru 2658/87 stipula r-regoli ġenerali għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda. Dawk ir-regoli japplikaw ukoll għal kwalunkwe nomenklatura oħra li tkun ibbażata fuqha totalment jew parzjalment, jew li żżidilha kwalunkwe subdiviżjoni addizzjonali u li hija stabbilita b'dispożizzjonijiet speċifiċi tal-Komunità, bil-ħsieb li tapplika tariffi jew miżuri oħra li għandhom x'jaqsmu ma' negozju ta' oġġetti.

(3) Skont dawk ir-regoli ġenerali, l-oġġetti deskritti fil-kolonna 1 tat-tabella fl-Anness ta' dan ir-Regolament għandhom jiġu kklassifikati taħt il-kodiċi tan-NM indikata fil-kolonna 2, għar-raġunijiet imniżżla fil-kolonna 3 ta' dik it-tabella.

(4) Huwa xieraq li jkun stipulat li l-informazzjoni tariffarja vinkolanti li tkun inħarġet mill-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri, skont il-klassifikazzjoni tal-oġġetti fin-Nomenklatura Magħquda iżda li mhijiex skont dan ir-Regolament, tista', għal perjodu ta' tliet xhur, tibqa' tkun invokata mid-detentur, skont l-Artikolu 12(6) tar-Regolament

[1] ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 711/2006 (ĠU L 124, 11.5.2006, p. 1).

tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 tat-12 ta' Ottubru 1992 li jwaqqaf il-Kodiċi Doganali tal-Komunità[2].

(5) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat tal-Kodiċi Doganali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-oġġetti deskritti fil-kolonna 1 tat-tabella fl-Anness għandhom jiġu kklassifikati skont in-Nomenklatura Magħquda taħt il-kodiċi tan-NM indikata fil-kolonna 2 ta' dik it-tabella.

Artikolu 2

Informazzjoni tariffarja vinkolanti maħruġa mill-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri, li ma tkunx skont dan ir-Regolament, tista' tibqa' tkun invokata għal perjodu ta' tliet xhur skont l-Artikolu 12(6) tar-Regolament (KEE) Nru 2913/92.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 16 ta' Ġunju 2006.

Għall-Kummissjoni
László KOVÁCS
Membru tal-Kummissjoni

[2] ĠU L 302, 19.10.1992, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 648/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 117, 4.5.2005, p. 13).

ANNESS

Deskrizzjoni tal-oġġetti	Klassifikazzjoni (Kodiċi tan-NM)	Raġunijiet
(1)	(2)	(3)
Strument tas-sigurtà ddisinjat biex jikseb aċċess għal reġistri maħżuna fuq magna awtomatika tal-ipproċessar tad-dejta (ADP). Jikkonsisti fi skrin tal-kristall likwidu (LCD), muntaġġ ta' ċirkwit stampat u batterija, magħluq ġo kaxxa tal-plastik li tista' titpoġġa ma' ħolqa taċ-ċwievet. L-istrument jiġġenera sekwenza ta' sitt numri diġitali li tkun speċifika għal utent partikolari, u tippermetti lill-utent aċċess għar-reġistri maħżuna fuq magna ADP. L-istrument ma jistax jitqabbad ma' magna ADP, u jaħdem indipendentement minn din it-tip ta' magna.	85438997	Il-Klassifikazzjoni hija ddeterminata bir-Regoli Ġenerali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda, u l-kliem tal-kodiċijiet tan-NM 8543, 854389 u 85438997. L-istrument ma jistax ikun ikklassifikat taħt l-intestatura 8470 għax ma għandux arranġamenti manwali għad-dħul tad-dejta u lanqas ma għandu funzjoni ta' kalkoli fil-kuntest ta' din l-intestatura (ara in-Noti ta' Spjegazzjoni HS ta' din l-intestatura). Ma jistax ikun ikklassifikat taħt l-intestatura 8471, għax mhuwiex programmabbli liberament skont il-ħtiġijiet tal-utent (ara in-Nota 5(A)(a)(2) tal-Kapitolu 84), lanqas mhuwa parti ta' magna awtomatika għall-ipproċessar tad-dejta għaliex ma jistax jitqabbad mal-unità ċentrali tal-ipproċessar (ara n-Nota 5(B)(b) tal-Kapitolu 84). L-istrument huwa klassifikat taħt l-intestatura 8543 għaliex huwa apparat tal-elettriku b'funzjoni individwali mhux speċifikata jew inkluża xi mkien ieħor.